Lil Dun Karm il-lejla ser jiġi mogħti bust li fil-ħsieb tal-Għaqda għad jitqiegħed f'post pubbliku bħala monument b'tifkira tiegħu. Iżda aktar milli fil-bronż sieket, it-tifkira ta' Dun Karm tibqa' tgħix fil-qalba tal-qalb tal-poplu Malti u tfawwar man-noti sbieħ ta' l-Innu Malti kull meta, bil-kliem li tana hu, poplu magħqud nitolbu 'l Alla biex iħares u jseddaq "lil din l-Art ħelwa, l-Omm li tatna l-ħajja".

---

## WARA LI QRAJT "SAN ĠWANN" GĦALL-EWWEL DARBA

*Ta'* Manwel Cassar

Kont qrajt "Raġel bil-Għaqal" kollni ħrara
Kont qrajt ftit wara wkoll "Żmien l-Ispanjoli",
Kont qrajt "Ħruq it-Tijatru" w kibset xrara
T'għoġba tal-Malti mħaddem tajjeb u għoli.

Daqshom sabiħ "San Ġwann" u ngħid fis-sewwa
Li qalbi seraqhieli bis-sbuħija
Ta' ġrajja kollha nsiġ t'arti w ta' ħlewwa
Li xtaqt li qatt ma tasal fit-temmija.

Romegas xebh ta' kemm hi kerha l-għira
Li għall-għan tagħha ssib toroq mill-agħar,
Menzju urieni l-qerq ta' liema xejra,
W għall-ġieh, l-għaqal u d-dehen, Ġlormu Cassar.

'Mma x'żina f'Mariroż, it-tfajla ħorra,
Li f'qalbha taf l-imħabba kif issorrha?



## L-GĦEDEWWA

*Ta'* Ġużè Chetcuti

"Għaliex ukoll lilek, ja Żmien, ma jaħmlukx
Taf teqred lil saħħtu w iddewweb bħan-nar?"

"Jien għadu mill-eħrex,
il-qalb nagħfas sħiħ,
inxerred id-dmija,
jisimni l-Uġigħ."

"Għaliex ukoll lilek, ja Żmien, ma jaħmlukx,
Li tgħaddi bis-serqa l-bnedmin ma jridukx?!

"Il-pass ngħaġġel ħafna
bla ħniena 'l quddiem,
u l-ħajja nwassalha
għall-qerda u għat-tmiem".

"Għaliex, Mewt, il-kotra ma tridx taħseb fik,
Minn dejjem taħirbek, u tibża' ssemmik?"

"Intemm ġewwa qabar
il-ħajja tad-dmugħ,
mewt nagħti lill-ġisem,
rebħ nagħti lir-ruħ".

## JEKK

*Ta'* Ġużè Chetcuti

Jekk meta tixjieħ tfittex sewwa ġo qalbek,
hemmhekk żgur issib, bl-imrar u bl-uġigħ imdardrin,
il-ġrajja ta' ħajtek bil-ġmiel tar-rebbiegħa,
bil-waħx tal-ħarifa, bil-kesħa ta' ljieli xitwin.